

Brussell, 18 ta' Ġunju 2026
(OR. fr)

10815/26
ADD 1

LIMITE

API 140
INF 189

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru. dok. preċ.:	8951/26; 8953/26; 8954/26 + ADD 1
Suġġett:	Aċċess pubbliku għad-dokumenti - Applikazzjoni konfermatorja Nru 22/c/01/26 - Approvazzjoni tat-tweġiba tal-Kunsill = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Belġju, Franza, in-Netherlands, ir-Rumanija u s-Slovenja dwar ir-rilaxx tad-dokument li jippreżenta rapport ta' progress tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi fir-rigward tal-Ukrajna

Il-Belġju, Franza, in-Netherlands, ir-Rumanija u s-Slovenja jopponu l-pubblikazzjoni ta' din l-aħħar verżjoni tad-dokument kif proposta mis-SĠK.

Id-dokument WK 7935/2025, prodott mis-SEAE, jippreżenta rapport ta' progress tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi fir-rigward tal-Ukrajna. Fih informazzjoni estensiva dwar il-konsenja ta' tagħmir militari lill-Ukrajna.

L-iżvelar tiegħu, anki parzjalment, johlq riskju doppju, kemm f'termini ta' difiża kif ukoll ta' relazzjonijiet internazzjonali, żewġ interessi pubbliċi li jistgħu jiġġustifikaw rifjut ta' żvelar ta' informazzjoni skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament 1049/2001.

Fil-fatt, fi żmien fejn jeżistu diversi attacchi ta' informazzjoni dwar l-appoġġ għall-Ukrajna, l-informazzjoni ippubblikata b'dan il-mod tista' tiġi interpretata ħażin jew anki strumentalizzata, b'mod li jippreġudika l-interessi tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-interessi msemmija hawn fuq.

